**24 ta' April, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Inez Lia

*versus*

Avv. Dr. Alessandro Stilon Depiro ne.

**Dota — Dekadenza — Likwidazzjoni — Nutar — Sentenza — Eżekuzzjoni — Art. 33(2) u 1289 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-liġi, il-bint li ma jkollhiex biżżejjed minn tagħha, għandha l-jedd, meta tiġi biex tiżżewweġ, għad-dota minn għand missierha. Imma ma hemm xejn fil-liġi li dan id-dritt ma jkunx fista' fiġi esperit wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, kemm il-darba ma tkunx saret rinunzja għal dak id-dritt.*

*Kontra t-talba għad-dota mhix aċċettabbli l-allegazzjoni tal-missier li l-kondotta tal-attriċi bintu lejgħ ma kienetx kor-*

*retta, u li hija ma għarrfitux li k'enet sejra tiżżewweġ; għaliex dan mhux wieħed mill-każijiet ta' dekadenza tal-bint bid-dritt għad-dota previsti mill-liġi, u meta ma jkunux ġew osservati l-proċeduri meħtieġa skond il-liġi għal din id-dekadenza.*

*Il-"quantum" tad-dota għandu jkun proporzjonat għall-mezzi attwali tad-dotant. u għandha tkun kongruwa; u għalhekk mhix attendibbli l-allegazzjoni fis-sens illi l-bint ma għandhiex tikkonsegwixxi dota akbar minn dik li ħadet oħtha, jekk il-mezzi tal-missier f'ż-żmien li għandha tiġi assenjata d-dota lill-attriċi jkunu mmiljoraw. Imma fil-kalkolu ta' dan il-"quantum" għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni s-sustanzi li l-attriċi tkun ġa tipposiedi; għaliex dawn jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni magħmula mil-liġi, li ċjoè l-bint ma tkunx suffiċjentement provduta b'sustanzi proprji.*

*Il-Qorti għandha l-poter li tagħti kull provvediment biex is-sentenza tagħha ma tkunx nulla u jkollha dik il-forza eżekuttiva li hija element sostanzjali tagħha; għaldaqstant, jekk tintalab l-assenjazzjoni u l-ħlas tad-dota, mingħajr ma ssir talba għan-nomina ta' nutar biex jippublika l-att kostitutt'v tad-dota meħtieġ skond il-liġi, u ta' kuraturi biex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq dak il-kuntratt, il-Qorti tista' fis-sentenza tagħha tissupplixxi għal dan innuqqas.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li Salvatore Cini, missier l-attriċi, ipprometta li jassenja lill-attriċi dota, li hu obligat mill-liġi li jassenjalha; talbet li l-konvenut nomine, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat jassenja u jħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala dota li l-imsemmi Salvu Cini kien ipprometta lill-attriċi. Bl-imgħax legali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-16 ta' Ġunju 1956;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 33 (2) tal-Kodiċi Ċivili, "il-bint li ma jkollhiex biżżejjed minn tagħha, għandha l-jedd, meta tiġi biex tiżżewweġ, għad-dota minn għand missierha......"; iżda ma hemm xejn fil-liġi li dan id-dritt ma jkunx jista' jiġi eżerċitat, bħal fil-każ tagħna, wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, kemm il-darba ma tkunx saret rinunzja għal dak id-dritt (Kollez. IX, 156; u P.A. 17 ta' Ottubru 1953 in re "Cini utrinque");

Illi ma jidherx li l-konvenut jikkontesta dan id-dritt tal-attriċi; biss, fil-parti finali tan-nota tal-eċċezzjonijiet, huwa ssottometta illi l-kondotta tal-attriċi lejn il-konvenut missierha ma kienetx korretta, u li hija lanqas ma nfurmatu li sejra tiżżewweġ. Din l-allegazzjoni, anki kieku kienet pruvata, ma twassalx għad-dekadenza tal-attriċi mid-dritt li titlob id-dota, billi ma tammontax għal wieħed mill-każi previsti mill-liġi; u, del resto, lanqas ma ġew esperiti l-proċeduri meħtieġa għal din id-dekadenza. Irriżulta, mbgħad, li Salvatore Cini, qabel ma siefer, kien ipprometta lill-attriċi bintu li jiddotaha (fol. 12); u anki l-Avukat Alessandro Stilon, prokuratur tiegħu, offra lill-attriċi s-somma ta' £50 (fol. 19);

Illi l-unika kwistjoni tirrigwarda l-"quantum" tad-dota. Il-konvenut jirrileva illi l-attriċi ma għandhiex tieħu aktar minn oħtha Carmela, li ħadet is-somma ta' £40 bis-saħħa tas-sentenza fuq riferita taż-17 ta' Ottubru 1953; iżda, dwar dan il-punt, il-prinċipju stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna huwa illi d-dota għandha tkun kongruwa u proporzjonata għall-mezzi "attwali" tal-persuna obligata (Kollez. XXVIII-II-435; u P.A. 17 ta' Ottubru 1953 un re "Cini utrinque", inedita). Issa, ġie pruvat illi bil-mewt ta' Maria u Teresa aħwa Cini, zijiet tal-imsemmi Salvatore Cini, li ġrat fil-25 ta' Marzu 1955 u 25 ta' Marzu 1956 rispettivament (fol. 19 tergo), Salvatore Cini wiret £1000 u waħda minn ħdax (1/11) il-porzjon minn fond, suġġett għal £2.13.0 fis-sena ċens temporaneu u li jinkera £17 fis-sena (fol. 19). B'dan il-wirt, il-pożizzjoni tiegħu mmiljorat sensibbilment fuq dak li kienet qabel; u għalhekk huwa tenut jagħti lill-attriċi dota akbar minn dik assenjata lill-oħtha Carmela:

Fil-kalkolu tal-ammont assenjabbli għandha tittieħed konsiderezzjoni tas-somma ta' £10.7.6 u tal-labra tad-deheb tal-valur ta' £8 mogħtija lill-attriċi minn ommha (fol. 20), għar-raġuni li dawn jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni magħmula mill-liġi, li ċjoè l-attriċi ma tkunx sufficjentement provvduta b'sustanzi proprji;

Illi l-attriċi, għad li qegħdha titlob l-assenjazzjoni u l-ħlas tad-dota, ma talbitx ukoll in-nomina ta' nutar biex jippublika l-kuntratt meħtieġ skond il-liġi (art. 1289 Kod. Ċiv.); iżda l-Qorti, kif ġie aktar minn darba ritenut, għandha l-poter li tissupplixxi għal dan in-nuqqas u tagħti kull provvediment sabiex is-sentenza ma tkunx nulla, u jkollha dik il-forza eżekuttiva li hija element essenzjali tagħha (arg. art. 220, 550, u 484 Proċ. Ċiv.); u f'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza (Kolloz. III, 528, u XXXVIII-II-535; u P.A. 7.5.1955 in re "Incardona utrinque";

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut nomine jassenja u jħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamsa u sittin lira (£65) bħala dota; u dan permezz ta' att publiku li għandu jsir minn Nutar Dr. Alexander Grech f'waħda mill-awli tal-Qrati Superjuri fit-13 ta' Mejju 1958, fil-11.30 a.m., bl-intervent tal-Avukat Dr. Gaudenzio Borg bħala kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi f'dak l-att;

L-ispejjeż, kompriżi dawk relattivi għall-publikazzjoni tal-imsemmi kuntratt, jitħallsu mill-konvenut nomine.